*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,392, 13 ta' Marzu, 2015*
*Taqsima B*

**A.L. 79 tal-2015**

## ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

## Regolamenti tal-2015 dwar it-Tqegħid fuq is-Suq ta' Injam u Prodotti tal-Injam

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 61 u 62 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima u s-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni ta' Proċessi Amministrattivi, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2015 dwar it-Tqegħid fuq is-Suq ta' Injam u Prodotti tal-Injam. Titolu.

**2.** Dawn ir-regolamenti jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu injam u prodotti tal-injam fis-suq kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament, kif jista' jiġi emendat minn żmien għall-ieħor, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament (UE) Nru 995/2010". Skop.

**3.** (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"avviż ta' azzjonijiet ta' rimedju" tfisser id-dokument ta' notifika maħruġ lill-operatur skont ir-regolament 7;

"awtorità kompetenti" tfisser id-Direttorat tal-Agrikoltura;

"Direttur" tfisser id-Direttur tal-Agrikoltura u, sal-limitu tal-funzjonijiet mogħtija, tinkludi kull uffiċjal pubbliku awtorizzat minnu bil-miktub, sabiex jaġixxi f'ismu għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"injam" tfisser injam u prodotti tal-injam, kif stabbilit fl-Anness għar-Regolament (UE) Nru. 995/2010;

"operatur" tfisser kull persuna naturali jew legali li tqiegħed injam jew prodotti tal-injam fis-suq Ewropew għall-ewwel darba;

"persuna" tfisser kull persuna, sew naturali jew ġuridika, korporata jew mhix korporata, u tinkludi kull persuna li taġixxi f'isimha jew taħt xi istruzzjonijiet ta' kwalunkwe mgħallem, sid jew

min iħaddem;

"ir-Regolament Implimentattiv" tfisser ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 607/2012 tas-6 ta' Lulju 2012 dwar regoli dettaljati li jikkonċernaw is-sistema ta' diliġenza dovuta u l-frekwenza u n-natura tal-kontrolli fuq l-organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam;

"suq intern" tfisser is-suq intern tal-Unjoni Ewropea;

"uffiċjal awtorizzat" tfisser persuna li jkollha l-awtorizzazzjoni mid-Direttur sabiex twettaq spezzjonijiet u funzjonijiet oħra relatati mal-infurzar u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Kemm-il darba l-kuntest ma jkunx jeħtieġ xort'oħra, kliem u espressjonijiet użati f'dawn ir-regolamenti għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 995/2010.

(3) Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn dawn ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 995/2010, dan tal-aħħar jipprevali.

Awtorità kompetenti.

**4.** Id-Direttorat tal-Agrikoltura għandu jkun l-awtorità kompetenti għall-finijiet:

(a) tar-Regolament (UE) Nru 995/2010;

(b) tar-Regolament Implimentattiv; u

(ċ) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 363/2012 tat-23 ta' Frar 2012 dwar regoli proċedurali għar-rikonoxximent u l-irtirar tar-rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet ta' monitoraġġ kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam.

Spezzjonijiet.

**5.** (1) Operatur għandu jippermetti lil kull uffiċjal awtorizzat, fil-ħinijiet raġonevoli kollha, għall-finijiet tat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt dawn ir-regolamenti u wara li juri dokument ta' identifikazzjoni:

(a) li jidħol f'kull post wara li jagħti preavviż:

Iżda r-rekwiżit ta’ preavviż ma japplikax f’każijiet meta diversi tentattivi sabiex jingħata appuntament ma jirnexxux, jew meta tali preavviż jmur kontra l-iskop tad-dħul, jew meta jkun hemm suspett raġonevoli li jkun sar reat kontra dawn ir-regolamenti;

(b) jwaqqaf u, jew jitla’ abbord kull vettura, bastiment, inġenju tal-ajru jew mezz ieħor ta’ trasport li l-uffiċjal ikollu tabilħaqq għaliex jifhem li qed iġorr l-injam;

(ċ) jispezzjona l-post, kull impjant, makkinarju jew apparat, kontejners u njam li jkun jinstab fuq is-sit;

(d) jkollu aċċess għal, jispezzjona u jikkopja kull dokumentazzjoni, reġistri u informazzjoni oħra li għalihom japplikaw dawn ir-regolamenti, fi kwalunkwe forma li jkunu miżmuma, u jeħodhom sabiex jagħmel kopja jew ikun jeħtieġ li rekords b’format diġitali jiġu prodotti permezz ta’ mezz ieħor sabiex ikun hemm aċċess faċli għalihomi u jkunu jistgħu jittieħdu mill-uffiċjal;

(e) jieħu kampjun tal-injam;

(f) jwettaq kull analiżi, investigazzjoni, jew test; u

(g) jieħu ritratti fotografiċi, qisien jew reġistrazzjonijiet.

(2) Operatur għandu jipprovdi kull għajnuna raġonevoli lil kull uffiċjal awtorizzat li jkun qed jaġixxi skont is-subregolament (1), u b’mod partikolari għandu:

(a) jipproduċi għall-ispezzjoni dak id-dokument jew rekord skont kif jista’ jkun meħtieġ minn dak l-uffiċjal awtorizzat;

(b) jqiegħed kull injam kif meħtieġ disponibbli għall-analiżi.

**6.** Għall-fini tal-infurzar tad-dispożizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti, id-Direttur jista’ jitlob l-assistenza minn membri tal-Korp tal-Pulizija u mill-Komptrollur tad-Dwana. Assistenza.

**7.** (1) Meta d-Direttur jkollu tabilħaqq għaliex jifhem li xi persuna kisret jew naqset milli tikkonforma ruħha ma xi dispożizzjoni tal-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 u Artikolu 5 tar-Regolament Implimentattiv, id-Direttur jista’ jinnotifika bil-miktub avviż ta’ azzjonijiet ta’ rimedju lil dik il-persuna skont is-subregolament (2). Avviż ta’ azzjonijiet ta’ rimedju.

(2) Avviż ta' azzjonijiet ta' rimedju notifikat skont is-subregolament (1) għandu jispeċifika:

(a) ix-xorta tar-reat;

(b) sommarju tal-fatti li fuqhom tkun imsejsa l-allegazzjoni li jkun twettaq reat;

(ċ) il-miżuri li, fl-opinjoni tad-Direttur, għandhom jittieħdu sabiex tinkiseb konformità;

(d) il-perijodu li fih għandhom jittieħdu tali miżuri, kif raġonevoli fiċ-ċirkostanzi.

(3) Flimkien mal-avviż ta' azzjonijiet ta' rimedju id-Direttur jista', bħala miżura provviżorja, jipprojbixxi t-tqegħid fuq is-suq tal-injam sakemm ma jittieħdu l-azzjonijiet ta' rimedju msemmija fl-avviż:

Iżda r-raġunijiet li abbażi tagħhom ittieħdu dawn il-miżuri għandhom ikunu speċifikati fl-avviż:

Iżda wkoll uffiċjal awtorizzat jista' jimmarka, bi kwalunkwe mod, l-injam li huwa suġġett tal-avviż ta' azzjonijiet ta' rimedju, għall-finijiet ta' identifikazzjoni.

(4) Kull avviż ta' azzjonijiet ta' rimedju mibgħut mid-Direttur għandu jitqies li jkun sar u li ġie debitament notifikat jekk dan jitwassal fiżikament jew inkella jintbgħat bil-posta reġistrata lill-persuna indirizzata fil-post ta' residenza jew fejn ikollha n-negozju, jew fl-indirizz postali tagħha.

Pieni amministrattivi.

**8.** (1) Meta persuna tonqos milli tikkonforma ma' avviż mogħti skont ir-regolament 7 fiż-żmien speċifikat fih, id-Direttur jista' jinnotifika lil dik il-persuna b'avviż bil-miktub skont is-subregolament (2).

(2) Avviż taħt is-subregolament (1) għandu jispeċifika;

(a) id-data u x-xorta tar-reat;

(b) sommarju tal-fatti li fuqhom tkun imsejsa l-allegazzjoni li jkun twettaq reat (li jkun sunt suffiċjenti biex b'mod komplet u ġust jgħarraf lill-persuna bl-allegazzjoni kontriha);

(ċ) kull kwistjoni oħra (li ma tkunx dwar xi sejbien ta' ħtija preċedenti) li d-Direttur jikkunsidra rilevanti biex tkun

tista' tingħata piena; u

(d) l-ammont ta' piena dovuta, u meta l-piena dovuta tkun tiddependi fuq xi sejbien ta' ħtija preċedenti, id-data ta' dak is-sejbien ta' ħtija,

u dan it-tagħrif għandu jkun kontrofirmat fuq dikjarazzjoni li ssemmi d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

(3) Kull min jiġi notifikat b'avviż taħt is-subregolament (1) jista', fi żmien tletin ġurnata minn dik in-notifika, b'avviż bil-miktub li jiġi notifikat lid-Direttur, jitlob li l-proċeduri għar-rigward tar-reat allegat isiru quddiem il-Qorti, f'liema każ għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) ma jittieħdu ebda proċeduri oħra taħt dan ir-regolament mid-Direttur; u

(b) ebda ħaġa f'dan ir-regolament ma għandha tiftiehem bħala li tipprevjeni l-istituzzjoni ta' proċeduri għar-rigward tar-reat allegat jew tas-sejbien ta' ħtija tal-persuna għar-reat mill-Qorti jew l-impożizzjoni ta' xi piena jew konfiska taħt dawn ir-regolamenti meta persuna tinstab hekk ħatja.

(4) Kull min ikun ingħatalu avviż taħt is-subregolament (1) u ma jkunx jixtieq li l-proċedimenti għar-rigward tar-reat allegat isiru quddiem il-Qorti jista' b'notifika bil-miktub, indirizzata lid-Direttur, fi żmien tletin ġurnata minn meta jirċievi l-avviż:

(a) jammetti r-reat;

(b) jħallas l-ammont tal-piena lid-Direttur fi żmien tletin ġurnata wara li jkun ġie lilu notifikat l-avviż tal-piena jew wara kull perjodu sussegwenti hekk kif id-Direttur jista' jispeċifika; u

(ċ) jieħu l-passi rimedjali neċessarji sabiex tkun żgurata konformità ma' dawn ir-regolamenti.

(5) Meta taħt dan ir-regolament persuna tammetti reat, id-Direttur jimponi fuq dik il-persuna piena ta' flus għar-rigward tar-reat li tkun tammonta għal terz tal-ogħla piena li dik il-persuna kienet teħel li kieku nstabet ħatja tar-reat mill-Qorti.

(6) Il-piena imposta taħt is-subregolament (5) għandha tkun dovuta bħala dejn ċivili eżegwibbli mill-Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili kompetenti favur il-Gvern u d-dikjarazzjoni mill-persuna li tkun weħlet il-piena li tkun tammetti l-akkuża għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet tal-artikolu 253 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bl-istess mod bħallikieku kienet sentenza tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili kompetenti.

Kap. 12.

(7) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti jew ta' kull liġi oħra, meta tkun saret l-ammissjoni ta' reat taħt dan ir-regolament, ma tista' ssir ebda akkuża għar-rigward ta' dak ir-reat kontra min ikun għamel dik l-ammissjoni.

(8) Meta persuna li lilha jkun ġie notifikat avviż taħt is-subregolament (1) ma tammettix ir-reat fi żmien tletin ġurnata wara li tkun ġiet notifikata bl-avviż, id-Direttur għandu jibda proċeduri jew jara li jinbdew proċeduri quddiem il-Qorti għar-rigward tar-reat allegat.

Reati u pieni.

**9.** (1) Persuna għandha tinstab ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti jekk:

(a) tonqos milli tikkonforma mal-projbizzjoni tat-tqegħid ta' injam li ġie maqtugħ b'mod illegali fuq is-suq skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 995/2010;

(b) tonqos milli tikkonforma mal-obbligu li teżerċita d-diliġenza dovuta u żżomm u tevalwa b'mod regolari is-sistema ta' diliġenza dovuta skont l-Artikoli 4(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 995/2010;

(ċ) tonqos milli tikkonforma mal-obbligi ta' traċċabiltà skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 995/2010;

(d) tonqos milli tikkonforma mal-obbligi dwar iż-żamma ta' dokumentazzjoni skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Implimentattiv;

(e) tonqos milli tikkonforma jew tikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew xi ordni mogħtija leġittimament skont xi dispożizzjoni tar-Regolament (UE) Nru 995/2010, tar-Regolament Implimentattiv jew ta' dawn ir-regolamenti;

(f) tikkonfoffa jew tipprova, jew tgħin, jew tħajjar, lil xi persuna oħra bi kwalunkwe mezz, inkluż ir-reklamar, l-għoti ta' pariri jew ġegħil biex tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew biex tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi dispożizzjonijiet simili, inkluża xi ordni mogħtija legalment

skont xi dispożizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti, jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti msemmija;

(g) b’intenzjoni tostakola jew tikkawża ostakolu lil xi persuna li qiegħda taġixxi fl-eżerċizzju proprju tal-funzjonijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti u, jew tonqos milli tħalli li ssir spezzjoni awtorizzata taħt dawn ir-regolamenti;

(h) mingħajr raġuni valida, tonqos milli tagħti lil xi persuna li qiegħda taġixxi fl-eżerċizzju proprju tal-funzjonijiet tagħha taħt dawn ir-regolamenti, kull assistenza jew informazzjoni li tista’ teħtieġ li tingħata skont dawn ir-regolamenti jew xi liġi oħra, jew tagħti informazzjoni falza jew qarrieqa;

(i) tibdel, tiffalsifika bi kwalunkwe mod, tħassar jew teqred xi dokument mogħti lil jew maħruġ mid-Direttur skont dawn ir-regolamenti.

(2) Persuna li twettaq reat kontra d-dispożizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti teħel, meta tinstab ħatja:

(a) għall-ewwel reat kontra is-subregolament (1)(a), (b), (g), (h) u (i), multa ta’ mhux inqas minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), iżda mhux aktar minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000);

(b) għall-ewwel reat kontra s-subregolamenti (1)(ċ), (d), (e) u (f), multa ta’ mhux inqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500), iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000)

(ċ) meta tinstab ħatja għat-tieni darba jew aktar, multa ta’ mhux inqas minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), iżda mhux aktar minn ħamsin elf euro (€50,000).

(3) Meta persuna tkun instabet ħatja ta’ xi reat kontra dawn ir-regolamenti, il-Qorti tista’ b’żjieda ma’ xi piena oħra li tkun imponiet:

(a) tordna l-konfiska ta’ kull injam u beni jew ħwejjeġ oħra relatati mar-reat favur il-Gvern u jekk hekk konfiskati għandhom isir disponiment minnhom b’tali mod kif determinat mill-Qorti fuq parir tad-Direttur;

(b) tissospendi għal perijodu ta’ mhux inqas minn xahar, kif jidher xieraq lill-Qorti, kwalunkwe liċenza jew permess miżmuma minn min instab ħati u relatati ma’ kull

kummerċ jew negozju li għalihom jirreferi r-reat;

(ċ) timponi multa addizzjonali ekwivalenti għall-benefiċċju ekonomiku stmat li l-persuna ħatja tkun akkwistat mill-għemil tar-reat jew li setgħet akkwistat li kieku r-reat baqa' mistur; u

(d) tikkundanna l-ħati għal perijodu ta' priġunerija ta' mhux inqas minn tletin ġurnata iżda mhux aktar minn sentejn.

(4) Fir-rigward ta' proċedimenti għal reati kontra dawn ir-regolamenti, il-Qorti tista' fid-deċiżjoni tagħha tagħti favur il-Gvern dawk l-ispejjeż imġarrba fir-rigward ta' dawn il-proċedimenti kif jidhrilha xieraq.

Fuq min taqa' l-prova.

**10.** F'dawk il-proċedimenti dwar reat li jiġi kommess taħt dawn ir-regolamenti, li jkun jikkonsisti minn nuqqas ta' konformità mal-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 u Artikolu 5 tar-Regolament Implimentattiv, għandu jaqa' fuq l-akkużat li jipprova (skont ma jkun il-każ) illi d-diliġenza dovuta neċessarja fil-fatt saret sabiex iwettaq id-dmir jew il-ħtieġa, jew li ma kienx hemm mezzi prattiċi aħjar minn dawk li fil-fatt intużaw sabiex iwettaq id-dmir jew il-ħtieġa.

Applikabilità tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

**11.** (1) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 23 u 30(1) tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, japplikaw għal proċedimenti fir-rigward ta' reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika miż-żamma jew il-ksib ta' xi *warrant*, liċenza, permess jew awtorità ma għandha f'ebda każ tkun għal anqas minn sena.

Kap. 9.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, proċeduri għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom jittieħdu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont il-każ, u għandhom isiru skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.